A.L. 85 tal-2012

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2012 dwar is-Suq tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 28(1) u 32 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2012 dwar is-Suq tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa r-regolamentazzjoni ta' operazzjonijiet u attivitajiet tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi f'Malta. Dawn ir-regolamenti qed isiru għall-ħarsien tal-interess pubbliku u s-sigurtà pubblika. Kull ħtieġa msemmija f'dawn ir-regolamenti, inklużi dawk relatati ma' awtorizzazzjonijiet u ma' servizzi, qegħdin isiru għal raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku.

(3) Dawn ir-regolamenti ġew notifikati skond il-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/34/KE, kif emendata bid-Direttiva 8/48/KE, kif trasposta bir-Regolamenti dwar Proċedura għall-Provvediment ta' Informazzjoni. L.S. 419.06

Tifsir.

2. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet fl-Att.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"approvat" tfisser l-aċċettazzjoni bil-miktub mill-Awtorità;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; Kap. 423.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, u b'rabta mas-servizzi u l-forniturі tas-servizzi tfisser permess, liċenza, ċertifikat, ħatra, konċessjoni jew kull deċiżjoni li tikkonċerna l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju ta' din l-attività;

"bejgħ bl-imnut" tfisser il-bejgħ tal-bijokarburanti u, jew tal-

bijolikwidi lil konsumaturi finali;

"bidliet materjali" tfisser kull bidla li, fil-limiti tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni, tista' skont l-Awtorità taffettwa b'mod raġonevoli t-tħaddim sigur tal-faċilità awtorizzata u tinkludi kull bidla, tneħħija, tiswija, sostituzzjoni jew waqfien mill-użu ta' kull tagħmir, kemm elettriku kif ukoll mekkaniku, li jaffettwa t-tħaddim sigur tal-faċilità awtorizzata;

"bijokarburant" tfisser karburant likwidu jew gassuż għat-trasport prodott u magħmul mill-bijomassa;

"bijolikwidu" tfisser karburant likwidu prodott għal skopijiet ta' enerġija u magħmul mill-bijomassa minbarra għat-trasport, inklużi l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ;

"bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegredabbli tal-prodotti, skart u fdalijiet mill-agrikoltura, inklużi s-sustanzi veġetali jew tal-annimali, il-forestrija u industriji relatati kif ukoll il-frazzjoni bijodegredabbli tal-iskart industrijali u muniċipali;

"faċilità awtorizzata" tfisser faċilità li għaliha tkun ħarġet awtorizzazzjoni u tinkludi l-bini kollu, it-tankijiet, il-pajpijiet, il-pompi, id-distributuri, it-tagħmir tal-elettriku, id-dranaġġ, tagħmir anċillari, il-parti ta' quddiem il-bini u kull attiv ieħor f'dik il-parti tal-post rilevanti għall-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni;

"fornitur ta' servizz" tfisser kull persuna fiżika li hija ċittadin ta' Stat Membru, jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li toffri jew tipprovdi servizz;

Kap. 379. "impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif previst fl-Att dwar il-Kompetizzjoni.

"konsumatur finali" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-bijokarburant u, jew il-bijolikwidi biex jintuża minnha stess;

"operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi" tfisser il-persuna li hija d-detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti, li tingħata awtorizzazzjoni biex twettaq l-operazzjonijiet u l-attivitajiet kollha, bi ħlas jew gratuwiti, relatati mal-bijokarburanti u, jew bijolikwidi inklużi l-importazzjoni, il-ħażna, il-produzzjoni, it-taħlit, il-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut u attivitajiet anċillari relatati, jew fornitur tas-servizz li jkun awtorizzat li jopera taħt xi liġi li tkun fis-seħħ fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat imsieħeb fiż-Żona Ekonomika Ewropea, li tippermetti lil din il-persuna biex twettaq l-attività ta' operatur tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi;

"operatur tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi" tfisser persuna li twettaq l-operazzjonijiet u l-attivitajiet kollha, kemm bi ħlas jew gratuwiti, relatati mal-bijokarburanti u, jew mal-bijolikwidi, inklużi l-importazzjoni, il-ħażna, il-produzzjoni, it-taħlit, il-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut u attivitajiet anċillari relatati;

"persuna" tinkludi individwu, impriża, korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm jekk dan il-korp jew assoċjazzjoni jkollu stat korporattiv jew mhux korporattiv;

"*petroleum*" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att:

Iżda l-kelma "*petroleum*" tkun tista' tingħata tifsira differenti f'kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti;

"raġunijiet imperattivi relatati mal-interess pubbliku" tfisser raġunijiet rikonoxxuti bħala tali fil-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Ġustizzja Ewropej, li jkunu raġunijiet li jippreżentaw ġustifikazzjoni għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni u, jew il-ħruġ ta' kundizzjoni għal din jew għal kull deċiżjoni ta' politika oħra meħuda f'termini ta' awtorizzazzjoni bħal din, meta awtorizzazzjoni bħal din, jew kundizzjoni jew deċiżjoni ta' politika għaliha ma tkunx setgħat tinħareġ jew tittieħed taħt ċirkostanzi normali ħlief għal raġunijiet imperattivi bħal dawn relatati mal-interess pubbliku, inkluż kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) politika pubblika, sikurezza pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika:

Iżda dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu interpretati skont it-tifsira tal-Artikoli 46 u 55 tat-Trattat;

(b) iż-żamma tal-ordni fis-soċjetà;

(ċ) għanijiet ta' politika soċjali;

(d) il-ħarsien tar-riċevituri tas-servizzi;

(e) il-ħarsien tal-konsumaturi;

(f) il-prevenzjoni tal-frodi;

(g) il-ħarsien tal-ambjent; u

(h) il-prevenzjoni tal-kompetizzjoni inġusta.

"riċevitur" tfisser kull persuna fiżika li hija ċittadin ta' Stat

Membru, li tibbenefika mid-drittijiet mogħtija lilha mill-atti tal-Komunità jew kull persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru, li għal skopijiet professjonali jew mhux professjonali, tuża, jew tkun tixtieq tagħmel użu minn servizz taħt kunsiderazzjonijiet li mhumiex ekonomiċi;

"servizz" tfisser kull attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom imwettqa għal kunsiderazzjonijiet ekonomiċi;

"spettur" tfisser kull uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità jew kull persuna oħra maħtura u awtorizzata bil-miktub mill-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tal-Att biex tispezzjona u tikkontrolla l-konformità ma' dawn ir-regolamenti u ma' kull kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni;

"stabbiliment" tfisser it-twettiq attwali ta' attività minn fornitur ta' servizz għal perjodu ta' żmien indefinit u permezz ta' infrastruttura stabbli minn fejn iseħħ in-negozju tal-forniment tas-servizzi;

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" tfisser it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Ħtieġa ta' awtorizzazzjoni.

3. (1) It-twettiq ta' attività ta' operatur tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu jeħtieġ awtorizzazzjoni:

Iżda operatur tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi li jkun awtorizzat b'mod espliċitu mill-Awtorità u kif tista' tkun stabbilixxiet bil-miktub, li jwettaq kull attività jew operazzjoni relatata mal-bijokarburanti taħt ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art u, jew ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art, ma jkunx jeħtieġ awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti. Mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad qabel, l-Awtorità tista' timponi kull kundizzjoni ta' dan it-tip li tqis bħala adegwata fiċ-ċirkostanzi, inkluża kull kundizzjoni jew obbligu li jirriżulta taħt dawn ir-regolamenti, kull kundizzjoni oħra speċifikata mill-Awtorità minn żmien għal ieħor u kull obbligu ieħor impost skont il-liġi.

L.S. 423.28
L.S. 423.37

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull obbligu taħt kull liġi oħra, il-bejgħ bl-ingrossa ta' taħlitiet ta' bijokarburanti u, jew bijolikwidi u prodotti tal-*petroleum* jeħtieġu awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti meta l-kontenut tal-bijokarburant tat-taħlita jkun jaqbeż il-limitu massimu tal-kontenut ta' bijokarburant fl-MSA EN 590 u l-MSA EN228.

(3) Operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi jista' jaħżen il-prodotti tal-*petroleum* għall-għan li jitħalltu ma' bijokarburanti u, jew bijolikwidi, sakemm tinkiseb l-awtorizzazzjoni rilevanti għall-ħażna tal-*petroleum* mingħand l-Awtorità.

(4) Operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu josserva l-kundizzjonijiet kollha preskritti fl-awtorizzazzjoni, kull kundizzjoni oħra preskritta mill-Awtorità minn żmien għal ieħor u kull obbligu ieħor impost f'termini ta' liġi.

(5) Kull persuna li tipproduċi u timporta l-bijokarburanti u, jew il-bijolikwidi għall-użu esklussiv tagħha u li ma tipproduċix jew ma timpurtax aktar minn 2000 litru matul sena kalendarja, ma tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni skont dawn ir-regolamenti:

Iżda din il-persuna tkun meħtieġa li tinnotifika l-fatt ta' produzzjoni jew importazzjoni bħal din lill-Awtorità, fl-għamla u bil-mod meħtieġ mill-Awtorità, u li tippreżenta lill-Awtorità l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa minn żmien għal ieħor:

Iżda wkoll din il-persuna għandha tosserva kull kodiċi ta' prattika, linja gwida jew istruzzjoni li tista' tinħareġ mill-Awtorità.

(6) Il-persuni eżentati mill-ħtieġa li jkollhom awtorizzazzjoni skont is-subregolament (5) ma jkunux eżentati mill-ħtieġa li jiksbu kull awtorizzazzjoni jew permess ieħor li jista' jkun meħtieġ taħt kull liġi oħra.

Awtorizzazzjoni ġenerali.

4. (1) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu mill-Awtorità fir-rigward ta' operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi msemmija f'dawn ir-regolamenti u għandhom jinkludu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi:

Iżda l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għal stabbiliment ġdid ma għandhomx jiddupplikaw il-ħtiġiet u l-kontrolli li huma ekwivalenti jew essenzjalment komparabbli fir-rigward tal-iskop tagħhom li l-fornitur tas-servizz diġà jkun soġġett għalihom fi Stat Membru ieħor jew f'Malta.

(2) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità għandha tkun bil-miktub u, sakemm ma tiġix ikkanċellata, sospiża jew revokata skont xi kundizzjoni fiha jew skont dawn ir-regolamenti jew kull liġi oħra, għandha tkompli tapplika għal dak il-perjodu li jista' jkun speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

(3) Sakemm ma tiġix revokata, awtorizzazzjoni għandha

tibqa' valida għal erba' snin.

(4) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandhiex teżenta l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijokarburanti mill-ħtieġa li jikseb kull awtorizzazzjoni jew permess ieħor li jistgħu jkunu meħtieġa taħt kull liġi oħra.

(5) Awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti m'għandhiex tiġi interpretata bħala waħda li tawtorizza d-detentur tagħha biex iwettaq xi operazzjoni jew attività li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni skont xi regolament magħmul taħt l-Att.

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u t-tariffa tal-applikazzjoni.

5. (1) Kull persuna li tkun tixtieq twettaq l-attività ta' operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità fl-għamla u bil-mod li l-Awtorità tista' tippreskrivi.

(2) Għandha titħallas tariffa tal-applikazzjoni li ma tingħatax lura lill-Awtorità kif speċifikat fl-Ewwel Skeda flimkien mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

Proċedura ta' determinazzjoni tal-applikazzjonijiet

6. (1) L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-proċedura tagħha għall-għan li tiddeċiedi fuq talba għall-awtorizzazzjoni għat-twettiq tal-attività ta' operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi.

(2) L-Awtorità għandha tinnotifika lill-applikant bil-miktub, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, li m'għandux jaqbeż is-sitt xhur mid-data ta' meta tkun ġiet riċevuta applikazzjoni valida, dwar kull deċiżjoni meħuda li tikkonċerna applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni jew kull raġuni valida li timpedixxi lill-Awtorità milli tasal għal deċiżjoni bħal din.

Tiġdid, modifika, eċċ., ta' awtorizzazzjoni.

7. (1) Mal-iskadenza, awtorizzazzjoni tista' tiġġedded, u għandha tintbagħat applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni bil-miktub lill-Awtorità fl-għamla u bil-mod li tista' tirrikjedi l-Awtorità, sitt xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni.

(2) L-Awtorità tista' tbiddel, temenda, tissostitwixxi, żżid jew tħassar kull kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni fl-awtorizzazzjoni mġedda jew iżżid kundizzjonijiet speċifiċi rilevanti għal kull awtorizzazzjoni individwali li l-Awtorità tqis bħala ġustifikati b'mod raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

Ħlas ta' tariffa tal-awtorizzazzjoni.

8. (1) L-ewwel tariffa tal-awtorizzazzjoni għandha titħallas mill-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi fi żmien tletin ġurnata mill-għoti tal-awtorizzazzjoni, u

minn dak inhar ’il quddiem kull sena fl-anniversarju tal-għoti awtorizzazzjoni bħal dik jew kull data oħra li l-Awtorità tista’ tistabbilixxi b’mod raġonevoli.

(2) L-ammont tat-tariffa tal-awtorizzazzjoni biex titwettaq l-attività ta’ operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu jkun kif speċifikat fit-Tieni Skeda.

(3) Jekk xi tariffa tal-awtorizzazzjoni pagabbli taħt is-subregolament (2) ma titħallasx fi żmien tletin ġurnata, l-Awtorità għandha, wara li jkun għadda dan iż-żmien, tikkomunika mal-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi li t-tariffa tal-awtorizzazzjoni tiegħu ma tkunx tħallset u tinfurmah li jkun naqas milli jħallas din it-tariffa.

(4) L-Awtorità tkun meqjusa li tkun osservat is-subregolament (3) jekk din il-komunikazzjoni tintbagħat bil-posta reġistrata, fl-indirizz tas-soltu jew fl-aħħar indirizz magħruf tal-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi li t-tariffa tal-awtorizzazzjoni tiegħu ma tkunx tħallset.

Ħtieġa ta’ applikazzjoni mill-ġdid f’każ ta’ nuqqas ta’ ħlas ta’ tariffa tal-awtorizzazzjoni.

9. Jekk xi tariffa tal-awtorizzazzjoni msemmija fir-regolament 8 ma titħallasx fi żmien tletin ġurnata minn meta l-komunikazzjoni msemmija fih tkun intbagħtet bil-posta reġistrata, l-awtorizzazzjoni li tirreferi għaliha ma tibqax fis-seħħ, u jekk il-persuna li lilha tkun ingħatat tkun tixtieq li terġa’ twettaq l-attività ta’ operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi, din għandha mbagħad tkun meħtieġa tapplika għal awtorizzazzjoni ġdida. Meta tikkunsidra applikazzjoni bħal din, l-Awtorità għandha tieħu f’konsiderazzjoni l-fatt li l-applikant kien naqas milli jħallas it-tariffa ta’ awtorizzazzjoni u milli jipprovdi xi spjegazzjoni fir-rigward ta’ dak in-nuqqas li l-applikant jista’ jippreżenta lill-Awtorità.

Kundizzjonijiet għal deċiżjonijiet relatati mal-għoti u t-tiġdid ta’ awtoriz-zazzjonijiet.

10. (1) L-Awtorità għandha tadotta kundizzjonijiet ġusti, oġġettivi u trasparenti dwar l-għoti ta’ awtorizzazzjoni skont il-prinċipji ta’ ġustizzja naturali.

(2) Meta tieħu deċiżjoni fir-rigward tal-għoti, il-ħruġ, l-emenda jew it-tiġdid jew kull kwistjoni oħra li jkollha x’taqsam ma’ awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista’ tikkunsidra l-punti li ġejjin:

(a) il-konformità tal-applikant mal-permessi u l-awtorizzazzjonijiet l-oħrajn kollha, ikunu kif ikunu deskritti, maħruġa minn awtorità pubblika oħra;

(b) il-kapaċità tal-applikant li jiżgura l-kundizzjonijiet ta’ sigurtà, fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni li japplika għaliha;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) l-integrità privata u professjonali tal-applikant;

(d) il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati;

(e) il-ħarsien tal-ambjent;

(f) il-passat rigward il-konformità ma' dawn ir-regolamenti u kull liġi oħra rilevanti tal-persuna li fir-rigward tagħha għandha ssir id-deċiżjoni;

(g) il-ħtieġa għal faċilitajiet u servizzi li għandhom jiġu pprovduti lill-konsumaturi fil-faċilità konċernata u l-punt safejn l-interessi tal-konsumaturi se jinqdew;

(h) l-interess pubbliku b'mod ġenerali.

Raġunijiet għal rifjut ta' awtorizzazzjoni.

11. L-Awtorità jkollha d-dritt li tirrifjuta talba għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni jew, jekk tkun inħarġet awtorizzazzjoni, talba għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, għal dawn ir-raġunijiet:

(a) l-Awtorità tqis li t-talba ma tissodisfax kriterju wieħed jew aktar imsemmi fir-regolament 10; jew

(b) l-applikazzjoni ma jkunx fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Awtorità fil-formula tal-applikazzjoni jew xi informazzjoni addizzjonali li l-Awtorità tista' titlob mingħand l-applikant għall-għan li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni; jew

(ċ) l-applikazzjoni ma jkollhiex magħha dik it-tariffa tal-applikazzjoni kif speċifikat skont dawn ir-regolamenti:

Iżda kull deċiżjoni meħuda mill-Awtorità, inkluż ir-rifjut jew l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, għandha tkun spjegata tajjeb u tkun tista' tiġi kontestata quddiem il-Bord tal-Appelli:

Iżda wkoll li l-fatt li l-Awtorità tonqos milli tinforma lill-applikant dwar xi deċiżjoni meħuda li tikkonċerna l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha, inkluż rifjut jew irtirar ta' awtorizzazzjoni, m'għandu bl-ebda mod ifisser li l-Awtorità tkun tat din l-awtorizzazzjoni b'mod taċitu u li l-applikant ikun awtomatikament ingħata aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju ta' din l-attività.

Setgħat li timponi kundizzjoinijiet ta' awtorizzazzjoni.

12. (1) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li f'awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti tinkludi kull kundizzjoni li l-Awtorità tqis bħala neċessarja jew adegwata.

(2) L-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu f'kull ħin josserva dawn ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

(3) Awtorizzazzjoni għandu jkun fiha sett minimu ta' kundizzjonijiet ġenerali:

Iżda jkunu jistgħu jiġu imposti kundizzjonijiet speċjali ma' kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(4) Il-kundizzjonijiet inklużi fl-awtorizzazzjoni jistgħu jkun fihom, iżda mhux bilfors ikunu limitati għal, dispożizzjonijiet dwar:

(a) l-għoti u ż-żmien tal-awtorizzazzjoni;

(b) il-kundizzjonijiet ta' sospensjoni, varjazzjoni u trasferiment tal-awtorizzazzjoni;

(ċ) ħtiġiet ta' konformità ma' kundizzjonijiet, istruzzjonijiet, ittri dwar il-ġestjoni, *standards*, linji gwida, kodiċi jew regoli mogħtija mill-Awtorità jew kif jistgħu jkunu stabbiliti mil-liġi;

(d) appoġġ għall-pjan tal-enerġija fit-tul tal-pajjiż;

(e) il-promozzjoni tat-tħaddim effiċjenti tas-suq tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi u l-ħarsien tal-konsumaturi f'termini tal-inqas prezzijiet possibbli flimkien mal-ogħla kwalità tal-prodotti;

(f) monitoraġġ u reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet awtorizzati;

(g) rappurtar, verifika u għoti ta' informazzjoni lill-Awtorità;

(h) spezzjoni, l-għemil ta' kopji u t-teħid ta' estratti minn kotba u reġistri miżmuma mill-operatur tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi u t-twettiq ta' kejl u testijiet b'rabta mal-faċilità, l-attiv jew l-impjant awtorizzat;

(i) valutazzjoni u awditjar ta' operazzjonijiet, attivitajiet u prattiċi u l-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni;

(j) ir-regolamentazzjoni ta' kumpanniji sussidjarji u, jew kumpanniji li jwettqu parti mill-operazzjonijiet, l-attivitajiet jew il-prattiċi regolati.

(5) L-Awtorità tista', fuq bażi individwali, teżenta lil operaturi awtorizzati tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi li l-ammont ipproċessat annwali tagħhom ma jkunx jaqbeż l-20,000 litru mill-ħtiġiet imposti minn ċerti kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

(6) Kull persuna li tingħata awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għandha:

(a) tikkonforma ruħha ma' kull istruzzjoni mogħtija mill-Awtorità fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti u fir-rigward ta' kwistjonijiet kif huma speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew li jkunu ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(b) twettaq l-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-prattiċi regolati skont il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni;

(ċ) taġixxi skont kull ħtieġa kif speċifikata fl-awtorizzazzjoni jew li tkunu ta' deskrizzjoni hekk speċifikata; u

(d) tikkonforma mad-deċiżjonijiet jew l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Awtorità.

(7) L-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu jinforma lill-Awtorità dwar kull bidla relatata mal-attività tiegħu li twassal sabiex il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tiegħu ma jibqgħux sodisfatti u għall-ħolqien ta' sussidjarji li l-attivitajiet tagħhom jaqgħu fl-ambitu tal-awtorizzazzjoni u, jew l-iskema ta' awtorizzazzjoni.

Spezzjon ta' faċilità awtorizzata.

13. (1) Spetturi debitament maħtura mill-Awtorità jkunu awtorizzati li jidħlu u jispezzjonaw kull faċilità awtorizzata jew notifikata.

(2) Kull spettur tal-Awtorità għandu f'kull ħin raġonevoli jitħalla jkollu aċċess mhux ristrett għall-faċilitajiet awtorizzati jew notifikati għall-għan li jivverifika jekk dawn ir-regolamenti jew il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jkunux qed jiġu osservati. L-operatur tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu joffri l-assistenza raġonevoli kollha li jista' jeħtieġ dan l-ispettur għal dak l-għan.

Disinn u bini ta' faċilità awtorizzata.

14. Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti jew għal kull liġi oħra, faċilitajiet awtorizzati disinjati jew mibnija wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu disinjati u mibnija skont l-i*standards* preskritti jew kif ordnat mill-Awtorità u, jew kif meħtieġ minn kull awtorità oħra legalment kompetenti wara konsultazzjoni jew bi ftehim mal-Awtorità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Bidliet materjali.

15. (1) L-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi m'għandux iwettaq jew jippermetti li titwettaq xi bidla materjali fil-faċilità awtorizzata, sakemm ma jkunx inkiseb il-kunsens minn qabel bil-miktub tal-Awtorità.

(2) L-Awtorità tista', wara li twettaq il-bidliet materjali msemmija fis-subregolament (1), tibgħat spettur jew uffiċjal biex iwettaq spezzjoni ta' valutazzjoni fil-faċilità awtorizzata.

Żamma ta' *records* tal-operazzjonijiet kollha.

16. (1) Operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu jżomm *record* tal-operazzjonijiet kollha fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tiegħu jew kull informazzjoni oħra dwar l-operazzjonijiet tal-bijokarburanti u, jew il-bijolikwidi u għandu jżomm kopji oriġinali tal-kontijiet kollha tal-amministrazzjoni fil-post prinċipali tan-negozju tiegħu għall-għan ta' awditjar mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità għandha titratta bħala kunfidenzjali kull informazzjoni miksuba mill-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi li dan l-operatur jibgħat lill-Awtorità bħala kummerċjalment sensittiva u li l-Awtorità taċċetta bħala tali, u meta tagħmel dan l-Awtorità m'għandhiex tiżvela informazzjoni bħal dik sakemm ma tkunx meħtieġa jew permessa li tagħmel hekk bil-liġi jew b'ordni tal-qorti f'termini ta' ftehim ma' xi dipartiment ieħor tal-gvern jew korp stabbilit bil-liġi jew skont kif ikun ġie miftiehem mal-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi.

(2) L-Awtorita' jkollha d-dritt li tippubblika informazzjoni dwar attivitajiet u statistiċi relatati mal-bijokarburanti u, jew mal-bijolikwidi:

Iżda l-pubblikazzjoni msemmija qabel ma għandhiex tirreferi għal xi operatur speċifiku jew persuna awtorizzata speċifika tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi u għandha tkun skont il-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Kwalita tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi.

17. (1) L-ebda persuna m'għandha tbiegħ bl-imnut, jew tqiegħed fis-suq jew toffri għall-bejgħ xi bijokarburant li ma jkunx konformi mal-EN 14214 jew mal-pr EN 15376.

(2) L-ispetturi jkunu awtorizzati li jidħlu u jispezzjonaw kull stabbiliment jew faċilità awtorizzata u jieħdu kampjuni jew ammonti ta' bijokarburanti u, jew ta' bijolikwidi li jinsabu hemmhekk.

(3) Matul l-ispezzjoni, kull persuna jew l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandhom joffru l-assistenza raġonevoli kollha li dawn l-ispetturi jistgħu jeħtieġu għal dak l-għan. L-ebda kumpens m'għandu jkun dovut għal kull persuna jew għall-

operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi fir-rigward tal-kampjuni meħuda.

Sospensjoni, revoka jew tħassir ta' awtorizzazzjoni.

18. L-Awtorità tista', f'kull ħin matul il-perjodu li għalih tkun valida l-awtorizzazzjoni, tordna s-sospensjoni, ir-revoka jew it-tħassir tagħha meta l-Awtorità tkun sodisfatta li:

(a) l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi jkun naqas jew ikun qed jonqos milli josserva xi kundizzjoni tal-awtorizzazzjoni jew dawn ir-regolamenti jew kull liġi oħra; jew

(b) l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi ma jkollux il-permessi u l-awtorizzazzjonijiet rilevanti kollha deskritti b'kull mod li jkun meħtieġa minn xi dipartiment tal-gvern ieħor jew awtorità pubblika; jew

(ċ) l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi jkun qed jikser xi ħtieġa imposta mil-liġi; jew

(d) l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi direttiva mogħtija mill-Awtorità fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal dawn kif huma speċifikati fl-awtorizzazzjoni jew li jkunu ta' deskrizzjoni speċifikata b'dan il-mod; jew

(e) xi informazzjoni preżentata fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni u li għaliha l-awtorizzazzjoni tkun inħarġet jew ġiet imġedda, skont kif ikun il-każ, tinstab li tkun falza; jew

(f) dan ikun fl-interess pubbliku; jew

(g) l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi ma jkunx jissodisfa xi kriterju fir-rigward ta' kriterju wieħed jew aktar imsemmi fir-regolament 10:

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħat għas-sospensjoni, ir-revoka jew it-taħsir ta' awtorizzazzjoni, l-Awtorità għandha tikkunsidra n-natura tan-nuqqas, jew il-fatt li l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi jkun qed jieħu l-passi adegwati li l-Awtorità tqis bħala meħtieġa sabiex josserva l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, jew kull ħtieġa oħra li l-Awtorità tista' tqis bħala rilevanti.

Modifika tal-awtorizzazzjoni.

19. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-regolament, f'kull ħin matul il-perjodu li għalih tkun valida awtorizzazzjoni, l-Awtorità tista' tibdel, temenda, tissostitwixxi jew

tħassar il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kif tista' tqis meħtieġ jew adegwat:

Iżda, meta tagħmel dan, l-Awtorità ma tistax iżżid kundizzjonijiet ġodda ta' awtorizzazzjoni sakemm dawn ma jsirux għal raġunijiet imperattivi relatati mal-interess pubbliku.

(2) Qabel twettaq kull modifika, emenda, sostituzzjoni, żjieda jew tħassir għall-awtorizzazzjoni, l-Awtorità għandha:

(a) tavża lill-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi, skont il-każ, dwar kull emenda, sostituzzjoni, modifika jew tħassir ta' dan it-tip fl-awtorizzazzjoni li tipproponi li twettaq;

(b) tiddikjara r-raġunijiet li għalihom qed isiru dawn il-modifiki, l-emendi, is-sostituzzjonijiet jew it-tħassir; u

(ċ) tispeċifika l-perjodu li fih għandhom isiru l-appelli jew l-oġġezzjonijiet fir-rigward tal-bidliet li jkunu qed isiru:

Iżda meta tagħmel dan, l-Awtorità għandha tikkunsidra kull appell li jkun sar.

Temm tal-awtorizzazzjoni.

20. (1) Meta operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi jiddeċiedi jew li jissospendi jew li jtemm l-awtorizzazzjoni tiegħu, hu għandu minnufih javża lill-Awtorità fl-għamla preskritta mill-Awtorità biex javża terminazzjoni jew sospensjoni bħal din.

(2) Meta l-Awtorità tirrikonoxxi l-avviż msemmi fis-subregolament (1) lill-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi, l-awtorizzazzjoni tiġi meqjusa bħala li ntemmet u, b'effett immedjat mid-data ta' dan ir-rikonoxximent, kull operazzjoni relatata mal-bijokarburanti u, jew mal-bijolikwidi mill-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandha titqies bħala mhux awtorizzata.

(3) Minkejja kull avviż għat-terminazzjoni jew is-sospensjoni ta' awtorizzazzjoni, l-operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu jħallas kull tariffa ta' awtorizzazzjoni dovuta qabel dan l-avviż.

Trasferiment ta' awtorizzazzjoni.

21. (1) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti ma tkunx trasferita b'mod validu *inter vivos* lil xi persuna fiżika jew ġuridika oħra sakemm:

(a) min jittrasferrixi ma jinfurmax bil-miktub lill-

Awtorità fl-għamla u bil-mod li l-Awtorità tippreskrivi;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li jkun hemm konformità mill-inqas mal-istess kundizzjonijiet elenkati fir-regolament 10;

(ċ) min jittrasferixxi ma jkunx soġġett għall-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjoni; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax it-trasferiment tal-awtorizzazzjoni bil-miktub:

Iżda l-kiri tal-faċilità awtorizzata jkun jeħtieġ il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ġdida f'isem il-persuna li tikri l-faċilità awtorizzata.

(2) Awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti ma tkunx trasferita b'mod validu *causa mortis* lil xi persuna fiżika jew ġuridika oħra sakemm:

(a) id-destinatarju tat-trasferiment ma jinfurmax bil-miktub lill-Awtorità fl-għamla u bil-mod li l-Awtorità tippreskrivi;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li jkun hemm konformità mill-inqas mal-istess kundizzjonijiet elenkati fir-regolament 10;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx soġġett għall-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjoni; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax it-trasferiment tal-awtorizzazzjoni bil-miktub:

Iżda awtorizzazzjoni maħruġa skont dawn ir-regolamenti tkun dritt indiviżibbli:

Iżda wkoll fil-każ li l-Awtorità tapprova t-trasferiment tal-awtorizzazzjoni kif intqal qabel, it-trasferiment għandu jkollu effett retrospettiv mid-data tal-mewt tad-*decujus*.

Ħtieġa ta' assikurazzjoni.

22. Operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi għandu jkun meħtieġ li jassigura l-faċilità awtorizzata jew l-attività li tirreferi għaliha l-awtorizzazzjoni tiegħu, għas-sodisfazzjon tal-Awtorità.

Tikkettar u bejgħ ta' bijokarburanti.

23. L-ebda persuna m'għandha tbiegħ jew toffri għall-bejgħ lill-konsumatur finali xi bijokarburant imħallat f'derivattivi taż-żjut minerali sakemm ma tipprovdix:

(a) tikkettar speċifiku fil-punti tal-bejgħ; u

(b) informazzjoni dwar il-benefiċċji ambjentali tal-bijokarburanti li jkunu qed jiġu offruti għall-bejgħ:

Iżda, mingħajr preġudizzju għan-natura ġenerali ta' dak li ntqal qabel, it-tikkettar tal-bijokarburanti msemmi f'dan is-subregolament ma jkunx meħtieġ għal perċentwali ta' bijokarburanti, imħallta f'derivattivi ta' żjut minerali, li ma jaqbżux l-10% fil-volum.

Bijokarburanti sostenibbli.

24. Operaturi awtorizzati tal-bijokarburanti u, jew tal-bijolikwidi li jipproduċu jew jimpurtaw il-bijokarburanti jew il-bijolikwidi, li l-bijokarburanti jew il-bijolikwidi tagħhom jittieħdu f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħtiġiet tar-regolamenti 3 u 4 tar-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi li Jiġġeddu, u r-regolament 33 tar-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, għandhom jiżguraw li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi prodotti jew impurtati jkunu verifikati bħala konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Kriterji ta' Sostenibbiltà għall-Bijokarburanti.

L.S. 423.19

L.S. 423.28

L.S. 423.47

Ordnijiet ta' konformità.

25. (1) Meta l-Awtorità ssir konxja, jew permezz tat-twettiq ta' investigazzjoni jew b'mod ieħor, li xi persuna tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, hi għandha toħroġ ordni ta' konformità lill-persuna konċernata, u tordnalha biex minnufih tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-ħruġ ta' kull ordni ta' konformità ma jipprekludix l-bidu ta' proċedimenti kriminali kontra dik il-persuna.

(2) Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' ordni ta' konformità maħruġa mill-Awtorità għandha, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra taħt dawn ir-regolamenti jew l-Att, tħallas multa amministrattiva ta' mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000) jew sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità mid-data tad-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità.

Reati u pieni.

26. (1) Kull persuna li -

(a) xjentement jew b'negliġenza tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) xjentement jew b'negliġenza tikser xi kundizzjoni elenkata f'awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti;

(ċ) twettaq xi attività li teħtieġ awtorizzazzjoni skont dawn ir-regolamenti mingħajr ma tkun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni valida;

(d) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' kull ordni skont il-liġi mogħtija minn spettur, impjegat jew uffiċjal tal-Awtorità fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu;

(e) ittellef, tostakola, timmolesta jew tinterferixxi jew tipprova ttellef, tostakola, timmolesta jew tinterferixxi mat-twettiq tad-dmirijiet ta' xi spettur, impjegat jew uffiċjal tal-Awtorità;

(f) tagħmel dikjarazzjoni għal xi skop ta' dawn ir-regolamenti jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta fir-rigward ta' xi punt importanti,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u teħel, meta tinstab ħatja, piena ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar ħabs jew multa ta' mhux iżjed minn disgħa u sittin elf euro (€69,000) jew elf u tliet mitt euro (€1,300) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat, jew teħel kemm dik il-multa kif ukoll il-priġunerija.

(2) Ir-responsabbiltà ta' min iwettaq reat taħt is-subregolament (1) tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' min iwettaq reat li jħallas lill-Awtorità kull spiża mġarrba fit-tneħħija tal-kawża tar-reat u biex tneħħi kull ħaġa li tkun saret mingħajr awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Qorti, minbarra li tagħti l-piena msemmija f'dan ir-regolament, tista' tordna lill-persuni kundannati biex itemmu l-attività tagħhom jew biex ineħħu kull ħaġa li tkun saret mingħajr awtorizzazzjoni, jew it-tnejn li huma.

(4) Fil-prosekuzzjoni għal reati kontra dawn ir-regolamenti l-uffiċjali tal-Awtorità għandu jkollhom id-dritt li jgħinu lill-pulizija, u li jippreżentaw il-każ quddiem il-Qorti.

(5) L-uffiċjali tal-Awtorità jistgħu jgħinu lill-Pulizija fl-eżerċizzju ta' kull setgħa tagħhom biex jevitaw it-twettiq ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jew biex jiġbru l-provi dwar kull reat ta' dan it-tip.

(6) Il-Pulizija għandha tiġbor il-provi li jikkonċernaw kull reat kontra dawn ir-regolamenti.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx

VERŻJONI ELETTRONIKA

jaffettwaw xi proċedimenti kriminali jew proċedimenti oħrajn li jistgħu jinbdew taħt xi liġi oħra.

Reġistru tal-awtorizzazzjonijiet.

27. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru jew reġistri ta' awtorizzazzjonijiet li għandhom jinkludu d-dettalji ta':

(a) l-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, u

(b) l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni kollha rċevuti u rrifjutati.

(2) Ir-reġistru jew ir-reġistri tal-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu riveduti u jinżammu aġġornati.

Multi amministrattivi.

28. L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva ta' mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000) fuq kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità waqt l-iżgurar tal-konformità ma' dawn ir-regolamenti.

Revoka Regolamenti tal-2004 dwar l-Użu ta' Bijokarburanti jew Karburanti Oħra Rinnovabbli għat-Trasport. A.L. 528 tal-2004.

29. Ir-Regolamenti tal-2004 dwar l-Użu ta' Bijokarburanti jew Karburanti Oħra Rinnovabbli għat-Trasport qegħdin b'dawn jiġu revokati.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 5(2)

Tariffa tal-applikazzjoni pagabbli fir-rigward ta' applikazzjoni għal:

Notifika biex wieħed jopera bħala operatur tal-bijokarburanti u/jew tal-bijolikwidi.

It-tariffa tal-applikazzjoni għal notifika biex wieħed jopera bħala produttur tal-bijokarburanti jew tal-bijolikwidi hija ta' € 0.

Awtorizzazzjoni biex wieħed jopera bħala operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u/jew tal-bijolikwidi.

It-tariffa applikabbli għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex wieħed ikun jista' jopera bħala operatur awtorizzat tal-bijokarburanti jew tal-bijolikwidi hija ta' € 50.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA

Regolament 8 (2)

Tariffa tal-applikazzjoni pagabbli fir-rigward ta':

Awtorizzazzjoni għall-attività ta' operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u/jew tal-bijolikwidi.

It-tariffa tal-awtorizzazzjoni għal awtorizzazzjoni biex wieħed jopera bħala operatur awtorizzat tal-bijokarburanti u/jew tal-bijolikwidi hija ta' € 50 fis-sena u €0.00175 għal kull litru ta' bijokarburant jew bijolikwidu impurtat jew prodott.